AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2688

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Settembru, 2026, Rikors numru 853/2026 mill-Avukat tal-Istat, fejn insegwitu tar-rikors Walter Gerardus J Cools, imwieled Borgerhout, il-Belgju, fit-13 ta' Awwissu, 1955, ta' 71, kien residenti Għajnsielem, Għawdex, u jinsab residenti fl-Isptar Ġenerali, Għawdex, u li għandha karta tal-identità bin-numru 057222A ġie inabilitat permezz ta' digriet tat-28 ta' Settembru, 2026, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 13 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th September, 2026, Application number 853/2026 by The State Advocate, whereby following the application Walter Gerardus J Cools, born in Borgerhout, Belgium on the 13th August 1955, aged 71, resided om Għajnsielem, Gozo, resides at Gozo General Hospital and holding identity card number 057222A, was incapacitated by means of a decree given on the 28th September, 2026, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 13th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2689

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Settembru, 2026, Rikors numru 811/2026, minn David Hamilton, fejn insegwitu tar-rikors Carmen Hamilton, imwielda Sciberras, armla minn John Edwin Hamilton, bint il-mejtin Emanuel Sciberras u Carmela Sciberras née Galea, imwielda l-Ħamrun, Malta, fl-20 ta' Settembru, 1941, ta' 85 sena, u residenti f'numru 50, Santa Rita, Triq l-Ispartani, Il-Ħamrun, Malta, u li għandha karta tal-identità numru 557641M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru, 2026.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 13 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd September, 2026, Application number 811/2026, by David Hamilton, whereby following the application Carmen Hamilton, born Sciberras, widow of John Edwin Hamilton, daughter of the late Emanuel Sciberras and Carmela Sciberras née Galea, born in Ħamrum, Malta, on the 20th September, 1941, aged 85, residing at number 50, Santa Rita, Triq l-Ispartani, Ħamrun, Malta, and holding identity card number 557641M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 7th October, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 13th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2690

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-29 ta' Settembru, 2026, Rikors numru 908/2026, minn Roberta Micallef et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Roberta Micallef, Ryan Micallef u Andrew Micallef ulied id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Maria Theresa Micallef née Borg, legalment separata minn Francesco Saverio Micallef, bint il-mejtin John Borg u Dolores Borg née Caruana, imwielda Tal-Pietà, Malta, kienet residenti l-Imtarfa, Malta, u mietet

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 29th September, 2026, Application number 908/2026 by Roberta Micallef et, whereby they requested that it be declared open in favour of Roberta Micallef, Ryan Micallef and Andrew Micallef children of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Maria Theresa Micallef née Borg, legally seperated from Francesco Saverio Micallef, daughter of the late John Borg and Dolores Borg née Caruana born in Tal-Pieta, resided in Mtarfa, Malta,

l-Imsida, Malta, fit-18 ta' Jannar, 2024, ta' 62 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0570261M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 13 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and died in Msida, Malta, on the 18th January, 2024, aged 62, and who held identity card number 0570261M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 13th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2691

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Awwissu 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Andrea Gugia.

Forestals Entertainment Limited (C41655) ta' Lead Business Centre, Triq l-Intrapriża, Żona 4, Central Business District, Birkirkara CBD 4080, Malta, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Awwissu, 2026, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Gugia Andrea (KI 0207494M) ta' 30, Triq il-Batterija, Birżebbuġa BBG1014, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €783.71, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż numru 256/2026MD) hija differita għall-20 ta' Ottubru, 2026, fis-12.45 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 13 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th August 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Andrea Gugia.

Forestals Entertainment Limited (C41655) of Lead Business Centre, Triq l-Intrapriza, Zone 4, Central Business District, Birkirkara CBD 4080, Malta, filed a Claim on the 5th August, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn Gugia Andrea (ID 0207494M) of 30, Triq il-Batterija, Birżebbuġa BBG1014, to pay the plaintiff company the sum of €783.71, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 256/2026MD) is deferred on the 20th October, 2026, at 12.45 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 13th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2692

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4505/2026, fl-ismijiet Arkina-Touristmarket Limited vs VLR Malta Limited, giet ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 891(1) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

By means of a decree of the 9th October, 2026, of the First Hall of the Civil Courts, in the records of judicial letter number 4505/2026, in the names Arkina-Touristmarket Limited vs VLR Malta Limited, the following publication was ordered in terms of Article 891 (1) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Illum 29 ta' Settembru, 2026

Lil VLR Malta Limited (C74105) ta' 8 Eagle Street, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti, Arkina-Touristmarket Limited (C6680) ta' Flat 6, Paradise Flats, 1A, Triq l-Imrabat, San Ġiljan, tagħmel referenza għall-kuntratt tat-13 ta' Ottubru, 2016, in atti tan-Nutar Dott. Anne Marie Tonna fejn permezz tal-istess att inti akkwistajt:

'The house including its free relative airspace, in its present state and condition, as seen and accepted by the Purchaser, officially numbered one-hundred forty three (143) in Saint Ursula Street, Valletta, partly overlying a maisonette officially numbered one hundred forty four (144) as subject to and enjoying all servitudes arising from its position, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, as better described on a plan annexed to a deed in the records of Notary Dr Joseph Smith La Rosa of the third day of August of the year two thousand and seven (13/08/2007) marked Document Y. The said property in vendita is accessible also through another door which is not numbered, which door also leads to a ground floor entrance as well as underlying cellar which is object of this sale.'

Il-mittenti tinfurmak li hija proprjetarja tal-fond minghajr numru u ċoè ta' dak deskritt fil-kuntratt bħala 'another door which is not numbered, which door also leads to a ground floor entrance as well as underlying cellar which is object of this sale'.

Għalhekk il-mittenti qiegħda tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tivvaka u tiżgombra mill-fond de quo stante li għandek l-ebda titolu validu skont il-liġi fuq dan l-istess fond.

Jekk it-terminu konċess lilek jgħaddi inutilment, il-mittnti ma jkollix alternattiva oħra ħlief li tipproċedi legalment fil-konfront tiegħek u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 13 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This 29th September, 2026

To VLR Malta Limited (C74105) of 8 Eagle Street, Valletta

By the present, Arkina-Touristmarket Limited (C6680) of Flat 6, Paradise Flats, 1A, Triq l-Imrabat, St Julian's, makes reference to the contract of the 13th October, 2016, in the records of Dr Anne Marie Tonna by means of the same act you acquired:

The house including its free relative airspace, in its present state and condition, as seen and accepted by the Purchaser, officially numbered one-hundred forty three (143) in Saint Ursula Street, Valletta, partly overlying a maisonette officially numbered one hundred forty four (144) as subject to and enjoying all servitudes arising from its position, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, as better described on a plan annexed to a deed in the records of Notary Dr Joseph Smith La Rosa of the third day of August of the year two thousand and seven (13/08/2007) marked Document Y. The said property in vendita is accessible also through another door which is not numbered, which door also leads to a ground floor entrance as well as underlying cellar which is object of this sale.

The interpellant informs you that it is the owner of the premises without number and as described in the contract as another door which is not numbered, which door also leads to a ground floor entrance as well as underlying cellar which is object of this sale.

Thus the interpellant is soliciting you so that within two days you vacate and vacate the premises de quo since you have no valid title according to law on this same premises.

If the time given to you passes uselessly, the interpellant will have no alternative but to proceed legally against you and this without any other prior notice.

So much so that you may know how to proceed

With costs

Registry of the Superior Courts, today 13th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2693

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Awwissu, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 987/2025JPG, fl-ismijiet: Faceworks Ltd vs API Contractors

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th August, 2026, in the records of Sworn application number 987/2025JPG, in the names: Faceworks

Ltd ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Faceworks Ltd (C45739) vs API Contractors Ltd (C85752) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-24 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeċiedi din il-kawża skont proċedura speċjali sommarja;

2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' disgħa u sittin elf erba' mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€69,462.55) rappreżentanti ħlas dovut għal xogħlijiet ta' demolizzjoni, skavar u xogħlijiet anċillari reżi mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata skont l-istatement anness mar-rikors bħala Dok. 'A';

3. Konsegwentement, tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-imsemmija somma ta' disgħa u sittin elf erba' mija u tnejn u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€69,462.55).

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 987/2025JPG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Ottubru, 2026, fl-12.00 a.m.

Notifika Intimat: API Contractors Ltd (C85752), 91, Triq Ħal Qormi, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ltd vs API contractors Ltd the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Faceworks Ltd (C45739) vs API contractors Ltd (C85752) filed in the Civil Court, First Hall, on the 24th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Dispense with the hearing of the case in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta and decide the present case under special summary procedure;

2. Declare that the respondent company is a true, certain and liquid debtor of the applicant company in the sum of sixty nine thousand four hundred sixty two euro and fifty five cents (€69,462.55) representing payment due for demolition, excavation and ancillary works rendered by the applicant company to the respondent company according to the statement annexed to the application as Doc. 'A';

3. Consequently, condemn the respondent company to pay the applicant company the said sum of sixty nine thousand four hundred sixty two euro and fifty five cents (€69,462.55).

With all costs and legal interests against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 987/2025JPG in the names mentioned above is postponed to the 28th October, 2026, at 12.00 a.m.

Notification respondent: API contractors Ltd (C85752), 91, Triq Ħal Qormi, Ħamrun

Registry of the Superior Courts, today 13th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2694

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fl-10 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 682/2026AD, fl-ismijiet: Carmelo sive Charles Camilleri et vs Anthony sive Twani Sammut et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Carmelo sive Charles Camilleri (KI 0536260M), Marie Louise Attard (KI 0252565M), Patricia Camilleri (KI 0358068M), Noel

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th July, 2026, in the records of the Sworn application number 682/2026AD, in the names: Carmelo sive Charles Camilleri et vs Anthony sive Twani Sammut et, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Chapter 16, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names Carmelo sive Charles Camilleri (ID 0536260M), Marie Louise Attard (ID 0252565M), Patricia Camilleri (ID 0358068M), Noel

Camilleri (KI 0018874M), Mary Falzon (KI 0935647M), Daniel Cachia (KI 0479062M), Romina Gatt (KI 0159471M), Helen Sammut (KI 0449945M), Anthony sive Tony Sammut (KI 0003367M), Mary Sammut (KI 0607344M), Suzanne Mamo (KI 0383565M), Alexandra Apap (KI 0013667M), Lorraine Sammut (KI 0151673M), Kevin Sammut (KI 0271474M) u Clifton Sammut (KI 0561580M) vs Anthony sive Twani Sammut (KI 0058253M), Kimberly Mifsud (KI 0436288M), Christie Sammut (KI 0372282M), Giovanna sive Jane Demanuele (KI 0885239M), Alfred Sammut (KI 0193044M), Olympia Sammut (KI 0680555M), Raymond Borg (KI 0700260) u Roxanne Busuttil (KI 0484692M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Lulju, 2026, permezz ta' rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, ta' Carmelo sive Charles Camilleri et, bir-rispett jesponu:

Illi l-partijiet kollha jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ (ara l-arblu ġenealoġiku Dok.CC1), u ad esklużjoni ta' Kimberly Mifsud u Christie Sammut, huma kollha komproprjetarji f'ishma li jvarjaw ta' diversi fondi ġejjin mill-wirt ta' Paolo u Giovanna konjuġi Theuma (ara l-elenku ta' tali fondi u ishma, Dok. CC2); l-imsemmija konjuġi Theuma kienu ħallew ġidhom lil uliedhom Michelina sive Kelina Theuma u Maria Concetta sive Ċetta miżżewġa Sammut; Kelina mietet xebba imprle u ħalliet kollox lil ulied oħtha Ċetta (ara ċ-ċertifikat tal-mewt, ir-riċerki testamentarji, testment aħħari u dikjarazzjoni mortis causa relattivi); Ċetta kellha għaxar ulied (ara t-testment sigriet u d-dikjarazzjoni mortis causa relattiva), li minnhom ħamsa għadhom ħajjin, ħamsa mietu u jinsabu rappreżentati minn żwieġhom u wliedhom, filwaqt illi binha Oscar Sammut miet riċentement, ġuvni imprle intestat, u sehmu ntiret per stirpes minn ħutu u neputijietu skont Dok. OS anness;

Illi l-konvenut Anthony Sammut, matul is-snin, ikkapparra l-pussess ta' tnejn mill-fondi in komproprjetà (il-fondi 5, Sqaq Bużaqq, Birkirkara, u 47, Sqaq Sampusa, Birkirkara) bil-benedizzjoni tal-konvenuti l-oħra; il-fond ta' Sqaq Bużaqq tah f'idejn bintu Kimberly Mifsud, li bniet sular addizzjonali fuqu u qed tgħix fih illegalment u abbużivament; fuq il-fond 47, Sqaq Sampusa, intalab permess għall-iżvilupp f'isem bintu Christie Sammut (PA02146/16) u ntalab mandat ta' inibizzjoni 932/26GG sabiex tali xogħlijiet jieqfu, liema mandat intlaqa';

Illi nhar it-22 ta' Frar, 2026, miet il-fuq imsemmi Oscar Sammut, li kien jirrisjedi fil-fond 14, Sqaq Sampusa, Birkirkara (li kien tiegħu esklussivament) u li kien ukoll juża l-garaxx 49 fl-istess sqaq (li kien in komproprjetà mal-partijiet odjerni, imma li Oscar kellu l-maġġor parti tal-ishma tiegħu); ftit ġranet wara l-funeral, il-konvenut Anthony Sammut sgassa sija r-residenza tal-mejjet u sija l-garaxx komuni, u għamel katnazz ma' kull bieb, u beda jġorr u jbigħ dak li jidhirlu, u beda anke jipprepara biex jibda jagħmel

Camilleri (ID 0018874M), Mary Falzon (ID 0935647M), Daniel Cachia (ID 0479062M), Romina Gatt (ID 0159471M), Helen Sammut (ID 0449945M), Anthony sive Tony Sammut (ID 0003367M), Mary Sammut (ID 0607344M), Suzanne Mamo (ID 0383565M), Alexandra Apap (ID 0013667M), Lorraine Sammut (ID 0151673M), Kevin Sammut (ID 0271474M) and Clifton Sammut (ID 0561580M) vs Anthony sive Twani Sammut , Kimberly Mifsud (ID 0436288M), Christie Sammut (ID 0372282M), Giovanna sive Jane Demanuele (ID 0885239M), Alfred Sammut (ID 0193044M), Olympia Sammut (ID 0680555M), Raymond Borg (ID 0700260) and Roxanne Busuttil (ID 0484692M), filed in the Civil Court, First Hall, on the 8th July, 2026, by means of a joint application in terms of Article 495A of Chapter 16, of Carmelo sive Charles Camilleri et respectfully submitted:

That all the parties are related by blood or marriage (see genealogical pole Dok.CC1), and to the exclusion of Kimberly Mifsud and Christie Sammut, they are all co-owners in varying shares of various premises deriving from the inheritance of Paolo and Giovanna spouses Theuma (see the list of such premises and shares, Dok. CC2); the said spouses Theuma had left their property to their children Michelina sive Kelina Theuma and Maria Concetta sive Ċetta married Sammut; Kelina died unmarried imprle and left everything to her sister's children (see the death certificate, testamentary searches, final will and relative mortis causa declaration); a deed had ten children (see secret will and relative mortis causa declaration), of which five are still alive, five died and are represented by their husbands and children, while her son Oscar Sammut died recently, an imprle bachelor intestate, and his share was inherited per stirpes by his siblings and nephew according to Doc. OS annexed;

That the defendant Anthony Sammut, during the years, took possession of two of the premises in co-ownership (the premises 5, Sqaq Bużaqq, Birkirkara, and 47, Sqaq Sampusa, Birkirkara) with the benefit of the other defendants; the premises Ta 'Sqaq Bużaqq gave it to his daughter Kimberly Mifsud, who built an additional floor on it and is living in it illegally and abusively; on the premises 47, Sqaq Sampusa, a development permit was requested in the name of his daughter Christie Sammut (PA02146/16) and a 932/26GG warrant of prohibitory injunction was requested so that such works cease, which warrant was upheld;

That on the 22nd February, 2026, the above mentioned Oscar Sammut died, who resided in the premises 14, Sqaq Sampusa, Birkirkara (belonging exclusively to him) and who used the garage 49 in the same alley (which was in co-ownership with the present parties, but which Oscar had the majority of his shares); a few days after the funeral, the defendant Anthony Sammut forced out both the residence of the deceased and the common garage, and made a padlock on each door, and began carrying and selling what he wanted,

xogħlijiet biex jokkupa illegalment l-istess fondi; mitkellem sabiex jieqaf minn tali aġir, huwa wera biċ-ċar li wara snin twal jagħmel dak li jrid, huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jbiddel il-komportament tiegħu, u għalhekk kellha ssir din il-kawża, wara mandat ta' inibizzjoni u mandat ta' deskrizzjoni fl-istess ismijiet, liema mandati ntlaqgħu it-tnejn.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

i. Tiddikjara li l-partijiet huma komproprjetarji ta' diversi fondi, kif deskritti u skont l-isħma elenkati fl-anness Dok. CC2;

ii. Tiddikjara li l-partijiet kollha, ad esklużjoni tal-konjuġi superstiti, huma eredi ab intestato ta' Oscar Sammut f'dawk l-ishma li jirriżultaw minn Dok.OS, u li l-wirt ta' Oscar Sammut jikkonsisti (a) minn proprjetà immobbli li tifforma parti mill-elenku Dok. CC2; u (b) minn dawk l-assi mobbli li se jirriżultaw matul is-smigħ tal-kawża;

iii. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, qed jokkupaw abbużivament dawk il-fondi li se jirriżultaw matul is-smigħ tal-kawża; u konsegwentement:

a) tillikwida kwalunkwe kumpens dovut għall-benefikat,

b) tillikwida l-kumpens dovut għall-okkupazzjoni,

c) tordna l-ħlas tal-bilanċ jew bilanċi riżultanti,

d) tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti involuti entro terminu qasir u perentorju; u

iv. Tistabbilixxi, occorrendo permezz ta' periti nominandi, jekk l-assi fuq imsemmija humiex diviżibbli, u f'dak il-każ tordna l-qasma skont pjan imħejji għal dan il-għan, billi taħtar nutar u kuratur għall-kontumaċi, u tordna li jiġi ppubblikat att pubbliku fiż-żmien u bil-modalitajiet li jogħġobha tipprefiġġi din l-Onorabbli Qorti; u alternattivament jew konkorrentement tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorità tagħha ta' dawk l-assi li jirriżultaw mhux komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;

Bl-ispejjeż, bl-inġunzjoni minn issa tal-konvenuti in subizzjoni, u bir-riżerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 682/2026AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Ottubru, 2026, fid-9.15 am.

Notifika: Anthony, Christie u Olympia Sammut, 55, Massabielle, Fl. 2, Triq G. Borg Olivier, San Ġiljan

and began preparing to start carrying out works to illegally occupy the same premises; asked to stop such behaviour, he clearly showed that after years of doing what he wanted, he had no intention of changing his behaviour, and thus this case had to be made, following a warrant of prohibitory injunction and a warrant of description in the same names, which warrants were both upheld.

Thus the defendants or either of whom are to state why this Honourable Court should not, saving any necessary and opportune declaration:

i. Declare that the parties are co-owners of various premises, as described and in accordance with the shares listed in annex Dok.CC2;

ii. Declare that all the parties, excluding the surviving spouses, are intestate heirs of Oscar Sammut in those shares which result from Doc.OS, and that Oscar Sammut's inheritance consists (a) of immovable property forming part of the Dok. CC2 list; and (b) from those movable assets which will arise during the hearing of the case;

iii. Declare that the defendants, or either of whom, are abusively occupying those premises which shall result during the hearing of the cause; and consequently:

a) liquidate any compensation due to the beneficiary,

b) liquidate the compensation due for the occupation,

c) order payment of the resulting balance or balances, and

d) order the eviction of the defendants involved within a short and peremptory period; and

iv. Establish, if necessary by means of nominated architects, whether the assets above mentioned are divisible, and in that case order the partition according to a plan prepared for this purpose, by appointing a notary and curator for the defaulters, and order that a public deed be published within the time and modalities that this Honourable Court may fix; and alternatively or concurrently order the sale by licitation under its authority of those assets which result not easily divisible, with the admission of extraneous bidders;

With costs, the defendants are from now summoned so that a reference to their evidence be made, and saving any further legal action.

The Sworn application number 682/2026AD in the names mentioned above is postponed to the 26th October, 2026, at 9.15 am.

Notification: Anthony, Christie u Olympia Sammut, 55, Massabielle, Fl. 2, Triq G. Borg Olivier, St Julian's

Kimberly Mifsud, 5, Sqaq Bużaqq, Birkirkara
Jane Demanuele, 296, Triq San Ġiljan, Birkirkara
Alfred Sammut, 160, Triq il-Kbira, Ħal Qormi
Raymond Borg u Roxanne Busuttil, 263, Triq Brared, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Kimberly Mifsud, 5, Sqaq Bużaqq, Birkirkara
Jane Demanuele, 296, Triq San Ġiljan, Birkirkara
Alfred Sammut, 160, Triq il-Kbira, Ħal Qormi
Raymond Borg u Roxanne Busuttil, 263, Triq Brared, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 13th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2695

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Ottubru, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 4 ta' Frar, 2027, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-garaxx mingħajr l-isem u mingħajr numru uffiċjali, internament immarkat numru erbatax (14), aċċessibli minn rampa komuni li sservi bħala daħla għal diversi garaxxijiet simili għal xulxin illi huma sottoposti għal blokka residenzjali, mingħajr isem u mingħajr numru li tagħti għal Triq Clare E. Engel, f'Ta' Giorni, limiti ta' San Ġiljan, liema garaxx jifforma parti minn kumpless ta' garaxxijiet mingħajr l-arja tiegħu, kif suġġett għar-rata tiegħu taċ-ċens oriġinali annwu u perpetwu ta' ħames ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€5.83), bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, konfinanti mit-Tramuntana ma' passaġġ privat, mill-Punent ma' proprjetà ta' Philip Micallef u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Frank Fenech u oħrajn, waqt li l-kumpless kollu jikkonfina min-Nofsinhar mat-triq, mil-Lvant ma' proprjetà ta' ċertu Coppini u Punent ma' proprjetà ta' Rite Mix (Gatt Bros.) Limited.

Dan il-garaxx għandu d-dritt ta' aċċess bħala servitù attiv favur tiegħu tar-rampa u passaġġ privat li jipprovdu aċċess għall-istess garaxx, liema rampa u passaġġ ma għandhom jiġu qatt ingombrati bil-parking ta' karozzi u/jew oġġetti oħra, bi kwalsijasi mod u fi kwalsijasi ħin. Il-garaxx jista' jiġi użat esklussivament bħala garaxx privat għall-karozza u ma jista' jiġi qatt użat għal skopijiet kummerċjali u l-kompratur huwa obbligat li jikkontribwixxi s-sehem proporzjonali tiegħu għal manutenzjoni u riparazzjoni ta' tali rampa u passaġġ privat, kif ukoll għal konsum tal-elettriku li hemm installat fihom u l-ħlas tal-kera tal-meters relattivi, u dan flimkien mal-garaxxijiet l-oħra f'dan il-korp, mill-bqija liberu u frank, skont kif deskritt fl-atti tan-Nutar John Gambin datat id-disgħa ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, u tnejn u disgħin (9.3.1992) u stmat li jiswa ħamsin elf ewro (€50,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th October, 2026, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 4th February, 2027, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The garage without name and without official number, internally marked number fourteen (14), accessible from a common ramp that serves as an entrance to several garages similar to each other, underlying a residential block, without name and without number that abuts onto Triq Clare E. Engel in Ta' Giorni, limits of St Julian's which garage forms part of a complex of garages, without its airspace, as subject to its rate of the original annual and perpetual ground rent of five euro and eighty three cent (€5.83), with all its rights and appurtenances, bounded north by a private passage, West by Philip Micallef's property and on the East by Frank Fenech's property and others while the whole complex is bounded south by the street, east by property of Coppini, and west by property of Rite Mix (Gatt Bros.) Limited.

This garage has the right of access as an active servitude in its favour of the ramp and private passage that provide access to the same garage, which ramp and passage shall never be encumbered by car parking and/or other objects, in any way or at any time. The garage may be used exclusively as a private car garage and shall never be used for commercial purposes and the buyer is obliged to contribute his proportionate share for maintenance and repairs of said ramp and private passage, as well as to the consumption of electricity installed in them and payments of relative meters rent, and this together with the other garages in this complex, otherwise free and unencumbered, as described in the acts of Notary John Gambin dated ninth of March, of the year nineteen hundred and ninety two (9.3.1992), and is valued at fifty thousand euro (€50,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' David Mifsud (KI 170869M) u Josephine Hurst ġja Mifsud (KI 166370M) ġja (KI 8223A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 5/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of David Mifsud (ID 170869M) and Josephine Hurst previously Mifsud (ID 166370M) previously (ID 8223A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 5/2020.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 13th October, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2696

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fis-6 ta' Ottubru, 2026, fuq rikors ta' Paolo Colombani (passaport numru YA9796818), ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Frar, 2027, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

In-nofs indiviż (1/2) tad-dar uffiċjalment immarkata bin-numru tnax (12) ġja magħrufa bin-numru (5) bl-isem 'Madonna ta' Pinu', fi Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Ir-Rabat, Malta, stmata li tiswa erba' mija u għoxrin elf ewro (€420,000).

Il-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema penthouse tinsab fir-raba' sular (il-ħames (5) livell mit-triq) fuq nett u hi aċċessibbli permezz ta' taraġ u lift komuni fil-parti ta' quddiem tal-binja u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha, stmata li tiswa tliet mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€355,000).

L-arja tal-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema arja tinsab fi sitt (6) livell tat-triq imsemmija b'kejl superfiċjali ta' 70m² u tikkonfina min-Nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha, stmata li tiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

Car space internament immarkat bin-numru erbgħa (4) formanti parti minn garaxx bla numru u bla isem u sottopost għal blokk ta' flats bl-isem 'Seabreeze', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liberu u frank bid-drittijiet kollha tiegħu u jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent mas-suċċessuri tas-soċjetà S.J.J.C Limited u mil-Lvant ma' ġid ma' Etoile Limited mentri l-car space jikkonfina min-Nofsinhar ma' partijiet

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th October, 2026, on the application of Paolo Colombani (passport number YA9796818), Thursday, 2nd February, 2027, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The undivided half (1/2) of the house officially marked with the number twelve (12) previously known as the number five (5) named 'Madonna ta' Pinu', in Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Rabat, Malta, valued at four hundred and and twenty thousand euro (€420,000).

The penthouse internally marked with the number five (5) forming part of a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which penthouse is situated in forth floor (the fifth (5) level from the street) on top and is accessible from stairs and a common lift at the front of the block and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued at three hundred and fifty five thousand euro (€355,000).

The airspace of the penthouse internally marked with the number five (5) forming part from a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which airspace is situated in six (6) level of the said street superfically measured of 70m² and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued sixty five thousand euro (€65,000)

Car space internally marked with the number four (4) forming part from an unnumbered and unnamed garage and underlying block of flats named 'Seabreeze', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, free and unencumbered with all its rights and bounded on the south by the said street, west by the successor of the company S.J.J.C Limited and east by property of Etoile Limited whilst the car space bounded on the south by common parts and on

komuni u mill-irjieħ l-oħra ma' ġid il-venditriċi tal-'car space' jew suċċessuri tagħha, stmat ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Jane Chircop (KI 466464M) eżerċenti l-kummerċ bħala Sapphire Real Estate Services.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the other compass points by property of carspace vender or her successors valued at thirty five thousand euro (€35,000).

The said tenement is the property of Jane Chircop (ID 466464M) carrying on trade as Sapphire Real Estate Services.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2022.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 13th October, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2697

ARB/C114/2026 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-31 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), Kumpilazzjoni Numru 336/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ORAZIO D'ANNA, chef, ta' 34 sena, iben Antonio u Maria Sado, imwieled fl-Italja, fis-16 ta' Settembru, 1992, u residenti f'Ta' Monita, Blokk 9/D, Flat 12, Triq San Ġużepp, Marsaskala, u detentur ta' passaport Taljan bin-numru AX1630657 u karta tal-identità Maltija bin-numru 247970A.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil ORAZIO D'ANNA sabiex jiftaħ kont bankarju, suġġett għad-diskrezzjoni tal-bank inkwistjoni, liema kont, ladarba jinfetaħ, għandu jkun suġġett għall-Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġ fil-konfront tiegħu, u sabiex immedjatament mal-ftuħ tal-imsemmi kont jippreżenta nota fl-atti proċesswali li tindika d-dettalji tal-kont, liema nota għandha tiġi notifikata lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u li ma jistax jipperċepixxi iżjed mis-somma annwali permissibbli taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2026, hekk kif ikkoreġut b'digriet mogħti fit-30 ta' Settembru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Franco Agius, LLD) li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' Ottubru, 2026, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u

ARB/C114/2026 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 31st August 2026 given by the Criminal Court – (Hon. Judge Dr Natasha Galea Sciberras, LLD), with Compilation Number 336/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ORAZIO D'ANNA, chef, 34 years, son of Antonio and Maria Sardo, born in Italy, on the 16th September, 1992, and residing at Ta' Monita, Block 9/D, Flat 12, Triq San Ġużepp, Marsaskala, and holder of an Italian passport bearing number AX1630657 and a Maltese identity card bearing number 247970A.

The Court AUTHORISED ORAZIO D'ANNA to open a bank account, subject to the discretion of the bank concerned, which account, once opened, shall be subject to the Seizing and Freezing Order issued against him, and to immediately file a note in the proceedings upon the opening of the said account indicating the account details, which note shall be notified to the Asset Recovery Bureau, and that he may not receive more than the annual amount permitted under Cap. 101 of the Laws of Malta.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree dated 8th June, 2026, as corrected by decree dated 30th September, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Franco Agius, LLD) which was published in the Government Gazette on the 9th October, 2026, where the court ordered

s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ORAZIO D'ANNA.

Illum 12 ta' Ottubru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċju għal-Irkupru tal-Assi

the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ORAZIO D'ANNA.

Today 12th October 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2698

ARB/C119/2026 – ORDNI TA' FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-02 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Franco Agius, LLD), Kumpilazzjoni Numru 840/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CIARA YANEA TELLASHA CAINES-BALL, ta' 32 sena, ta' nazzjonalità Ingliża, imwielda fl-10 ta' Marzu, 1994, u mingħajr residenza fissa f'Malta u detentriċi ta' passaport Britanniku bin-numru 563814630.

U

FRANCIS NOBLE SUNNEY-ACKON, ta' 33 sena, imwieled fi Lewisham, l-Ingilterra, fit-30 ta' Novembru, 1992, u mingħajr residenza fissa f'Malta u detentur ta' passaport Britanniku bin-numru 151593768.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' CIARA YANEA TELLASHA CAINES-BALL u FRANCIS NOBLE SUNNEY-ACKON u pprojbiethom milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta,tal-Artikolu 120(2A) tal-Ordinanza dwar il-professjoni Medika u l-professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati jistgħu jibqgħu jirċievu l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċentezmu (€13,976.24) fis-sena, wara li jiddikjaraw l- għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilhom.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 32A, Artikolu 120(2A) u Artikolu 22A

ARB/C119/2026 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 02nd October, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Franco Agius, LLD), with Compilation Number 840/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CIARA YANEA TELLASHA CAINES-BALL, 32 years, British National, born on the 10th March, 1994, without a fixed address in Malta and holder of a British passport bearing number 563814630.

AND

FRANCIS NOBLE SUNNEY-ACKON, 33 years, born in Lewisham, England, on the 30th November, 1992, without a fixed address in Malta and holder of a British passport bearing number 151593768.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to CIARA YANEA TELLASHA CAINES-BALL and FRANCIS NOBLE SUNNEY-ACKON and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, Article 120(2A) of the Medical and Kindred Professions Ordinance, Cap. 31 of the Laws of Malta and Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred, seventy-six euro and twenty four cents (€13,976.24) per year, after declaring the sources, monies and other modalities of income, including salary, wages, pension and social benefits paid to them.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A, Article 120(2A) and Article 22A

tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 13 ta' Ottubru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 13th October, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2699

ARB/C092/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Neville Camilleri, LLD). Kumpilazzjoni Numru 956/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

RODERICK CAMILLERI;

U

DARREN DIMECH, impjegat, ta' 48 sena, iben il-mejjet Emanuel Dimech u Rita xebba Scicluna, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-19 ta' Novembru, 1977, u residenti fil-fond 169, Etray, Fl. 2, Triq Kent, Il-Fgura, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 575977M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil DARREN DIMECH sabiex ikun jista' japplika għall-polza ta' assigurazzjoni għar-residenza kif msemmija fir-rikors datat l-1 ta' Ottubru, 2026, kif ukoll għall-polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja.

Il-Qorti ORDNAT sabiex il-proprjetà msemmija fir-rikors datat l-1 ta' Ottubru, 2026, tibqa' suġġetta għall-Ordni ta' Friżar datata 14 ta' Novembru, 2024.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire L. Stafrace Zammit, LLD), fl-14 ta' Novembru, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 ta' Novembru, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru

ARB/C092/2024 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th October, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Neville Camilleri, LLD). Compilation number 956/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

RODERICK CAMILLERI;

AND

DARREN DIMECH, employed, 48 years, son of the late Emanuel Dimech and Rita née Scicluna, born in Pieta', Malta, on the 19th November, 1977, residing at 169, Etray, Fl. 2, Triq Kent, Fgura and holder of a Maltese identity card bearing number 575977M.

The Court AUTHORISED DARREN DIMECH to apply for the Insurance policy on the residence as mentioned in the application dated 1st October, 2026, as well as the life insurance policy.

The Court ORDERED that the property mentioned in the application dated 1st October, 2026, to remain subject to the Freezing Order dated 14th November, 2024.

Sentenza: Skont sentenza b'numru 12/25 FG, deċiża fiż-17 ta' Ġunju. 2026

(iffirmat) l-Avukat Dott. Silvan Pulis
(iffirmat) PL Joeline Pace Ciscaldi

Mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera (Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna) hawn fuq imsemmi bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Franca Giordmaina LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Chairman tal-Bord hawn fuq imsemmi.

Illum 15 ta' Ottubru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Judgment: Pursuant to judgment number 12/25 FG, delivered on the 17th of June, 2026

(signed) Advocate Dr Silvan Pulis
(signed) Legal Procurator Joeline Pace Ciscaldi

Given by the abovesaid Rent Regulation Board (Islands of Gozo and Comino) with the testimony of the Magistrate Dr Franca Giordmaina LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit., Chairman of the abovementioned Board.

This 15th of October, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar
Gozo Courts and Tribunals

2733

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivil, Prim'Awla, fil-15 ta' Ottubru, 2026, wara Mandat ta' Qbid numru 2102/24 u nota datata l-20 ta' Awwissu, 2026, ta' Herbert Spiteri et ġie iffissat il-jum tal-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'garaxx numru tmintax (18), Livell -1, Sqaq il-Mitħna, Il-Qrendi, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand l-assenti Irwin Louis Guillian u Gil Innovative Consulting Services Group LLC (Kumpanija ta' Texas numru 0801638460) u b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 2023, u tal-15 ta' Ġunju, 2026, ġew nominati Dott. Maria Karlsson u PL Adriana Buhagiar rispettivament għall-istess assenti;

L-oġġetti maqbuda mill-Marixxall fl-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 2102/24 li jikkonsistu f'computer items.

N.B. L-imsemmi oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 3/25.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 15 ta' Ottubru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court , First Hall on 15th October, 2026, following a Warrant of Seizure number 2102/24 and a note dated 20th August, 2026, of Herbert Spiteri et Wednesday, 11th November, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at garage number eighteen (18), Level -1, Sqaq il-Mitħna, Qrendi, of the following items seized from the property of the absentees Irwin Louis Guillian and Gil Innovative Consulting Services Group LLC (Texas Company number 0801638460) and by a decree of 13th October, 2023, and 15th June, 2026, were nominated Dr Maria Karlsson and Adriana Buhagiar LP respectively for the said absentees;

The items seized by the Marshal in the acts of the Warrant of Seizure numbered 2102/24 consist of computer items.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 3/25.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 15th October, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

2734

B'digriet tal-21 ta' Jannar, 2025, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Lulju, 2026, fuq rikors ta' Dott. Edward Debono noe ġie

By a decree given on the 21st January, 2025, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th July, 2026, on the application of Dr Edward Debono

ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Novembru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

A) Għar ta' kejl ta' ċirka disgħa u għoxrin punt erbgħa wieħed metri kwadri (29.41m²), aċċessibbli minn mogħdija komuni li tagħti għal fuq Triq San Ġakbu u li tmiss mill-Punent il-Lbiċ mas-surreferita mogħdija komuni, mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta – indikat bħala proprjetà A fir-rapport tal-perit u fir-ritratti annessi, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju;

B) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Tal-Lariġ', ta' kejl ta' ċirka seba' mija, erbgħa u sebgħin punt tnejn tmienja metri kwadi (774.28m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss min-Nofsinhar u f'partijiet minnha mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, f'partijet minnha mill-Punent ta' mogħdija, u mil-Lvant ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà B. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

C) Porzjoni ta' art agrikola kif suġġetta għad-dritt ta' mogħdija u ta' akkwedotti, li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, b'ċirka ta' disa' mija tmienja u ħamsin punt disgħa disgħa metri kwadri (958.99m²) flimkien ma' ġiebja b'tul ta' ċirka disgħa punt tmienja sebgħa (9.87m) metri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, mil-Lvant ma' mogħdija, u mit-Tramuntana ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà C. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

D) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq', b'kejl ta' art ta' ċirka seba' mija sebgħa u sittin punt tlieta tlieta metri kwadri (767.33m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mil-Lvant ma' Triq San Ġakbu, min-Nofsinhar ma' proprjetà hawn deskritta u mill-Punent ma' beni tal-familja Bugeja, kultant deskritta wkoll bħala li tmiss mill-Punent ma' sies – indikata bħala proprjetà D. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà

noe, Tuesday, 3rd November, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Numbered 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Valletta of the following property.

A) Cave measuring approximately twenty-nine-point forty-one square meters (29.41m²), accessible from a common pathway leading in Triq San Ġakbu and bounded to the west southwest by the common pathway, to the northwest by property herein described – indicated as property A in the architect report and the attached photos, exempt from any ground rents and any other burdens;

B) Portion of agriculture land, currently being worked by John Gauci, known as 'Tal-Lariġ', measuring approximately seven hundred and seventy four point twenty eight square meters (774.28m²), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the south and in part also on the west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title, in part on the west with a common path, and on the east by property herein described – indicated as property B. This land along with other lands, enjoys reservoirs and water springs and it is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

C) Portion of agriculture land as subjected to a right of pathway and of water canals, which currently is being worked by John Gauci, measuring approximately nine hundred and fifty-eight point ninety nine metres square (958.99m²), together with a water reservoir approximately length of nine point eighty seven metre (9.87m) accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title, east by a common path, north by property herein described and indicated as property C. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and it is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

D) Portion of agriculture land which currently is being worked by John Gauci, known as 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq', measuring approximately seven hundred and sixty seven point thirty-three square meters (767.33m²), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded by the east with Triq San Ġakbu, south by property herein described and west by property of family Bugeja, at times also referred to as bounded by west by a sies and indicated as property D. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated

u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

E) Porzjoni ta' art agrikola kif suġġetta għad-dritt tal-mogħdija u s-sieqja tal-ilma li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel', ta' kejl ta' ċirka disa' mija, tlieta u sittin punt zero tnejn metri kwadi (963.02m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mit-Tramuntana ma' beni tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu, min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà E. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

F) Għar fil-viċinanzi li qiegħed jintuża bħala maħżen, li parti minnu huma sottostanti beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, b'kejl ta' ċirka erbgħa u għoxrin punt sebgħa sitta metri kwadri (24.76m²) aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li jmiss mat-Tramuntana ma' mogħdija komuni, u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà F, eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

G) Porzjoni ta' art li preżentament qiegħda tiġi użata bħala terrazzin, magħrufa bħala 'Il-Mandra' fl-istess viċinanzi u dintorni, ikkonsolidata ma' kmamar H, O, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda. Aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss min-Nofsinhar ma' mogħdija, mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta u mil-Lvant ma' proprjetà tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna – indikata bħala proprjetà G b'kejl superfiċjali tal-art ta' ċirka tmintax punt sebgħa tlieta ħamsa metri kwadri (18.735m²) eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

H) Kamra fl-istess viċinanzi u dintorni kkonsolidata ma' kmamar G, O, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu u tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Giuseppe Muscat jew l-aventi kawża tiegħu, min-Nofsinhar ma' mogħdija, u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà H, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà, u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

E) Portion of agriculture land is subjected to right of common pathway and water canal which currently is being worked by John Gauci, known as 'Ir-Roqa t'isfel', measuring approximately nine hundred sixty three point zero two metres square (963.02m²), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property of Baron Salvatore Testaferrata Moroni Viani or his successors in title, south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title and west by property herein described and marked as property E. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

F) Cave in the vicinities being used as a storage, part of which is underlying property of Carmelo Scicluna or his successors in title, approximately measuring twenty four point seventy six metres square (24.76m²) accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by a common path, and the other compass points by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – marked as property F, and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

G) Portion of land currently is being used as a terrace, known as 'Il-Mandra' in the same vicinities and surroundings, consolidated with rooms H, O, P, U and Z to form one property. Accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the south by common path, west by property herein described and east by property of the heir of Carmelo Scicluna – marked as property G with land measuring superficially approximately eighteen point seven three five metre square (18.735m²) exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

H) Room in the same vicinities and surroundings adjoined by rooms G, O, P, U and Z to form one property accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu and bounded on the north by property of Giuseppe Muscat or his successors in title, south by a common pathway, and west by property herein described – indicated as property H, exempt from any burdens as well as ground rents that may burden the property situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

I) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' sive 'Il-Maħsel', ta' kejl ta' ċirka elfejn sitt mija tnejn u tmenin punt wieħed tmienja (2682.18m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu, mil-Lvant ma' proprjetà tas-surreferita familja Bugeja u li kultant tiġi deskritta wkoll bħala li tmiss ma' sies, u mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà I. L-art, hija suġġetta għad-dritt ta' mogħdija u ta' akkwedotti, u flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

J) Kmamar kontigwi u adjaċenti waħda mal-oħra li preżentament qegħdin jintużaw bħala mħażen, li għandhom l-entraturi tagħhom iħarsu lejn in-Nofsinhar, flimkien mal-art magħhom annessa u formanti parti integrali mill-istess, sitwata fuq in-naħa ta' wara ta' dawn l-imsemmija kmamar, ta' kejl ta' ċirka ħmistax punt tlieta sebgħa metri kwadri (15.37m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li jmissu mill-Punent ma' kamra proprjetà ta' Pawlina Muscat, min-Nofsinhar ma' mogħdija u mil-Lvant mal-proprjetà deskritta hawn fuq indikati bħala proprjetà J, u huma eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

K) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Il-Larinġ il-Qares' kif ukoll żewġ għerien u spiera li jinsabu fuq l-istess art, ta' kejl tal-art ta' ċirka elf erba' mija ħamsa u għoxrin punt tnejn tmienja (1425.28m²) metri kwadri, u l-kejl tal-għerien huwa ta' ċirka għoxrin punt sebgħa wieħed metri kwadri (20.71m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, liema art tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà fl-istess territorju, min-Nofsinhar ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mil-Lvant ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew is-suċċessuri tiegħu – indikati bħala proprjetà K. Din l-art hija eżenti miċ-ċens jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

L) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Il-Larinġ il-Ħelu' ta' kejl ta' ċirka mitejn sitta u ħamsin punt tnejn disgħa (256.29m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-irjieħat kollha mal-proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà L u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

M) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Il-Maħsel' magħrufa wkoll bħala 'Il-Mansab' li tinsab fuq din l-imsemmija

I) Portion of agricultural land which currently is being worked by John Gauci, known as 'Ir-Roqa t'Isfel' sive 'Il-Maħsel', approximately measuring two thousand six hundred eighty eight point eighteen square meters (2682.18m²), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu bounded on the north by property of Baron Salvatore Testaferrata Moroni Viani or his successors in title, east by property of family Bugeja and at times referred to bounded by a sies,and west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property I. The land is subject of passageway and water canals with other lands, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

J) Rooms contiguous and adjacent to one another currently used as store, having their entrance facing south, together with the other land annexed and forming integral part of the same, situated on the back of the said rooms, approximately measuring fifteen point thirty seven square meters (15.37m²), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the west by a room property of Pawlina Muscat, south by passageway and east by property -herein described indicated as property J, and is exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

K) Portion of agriculture land currently is being worked by John Gauci, known as 'Il-Larinġ il-Qares' together with two caves a naturally water spring situated on the said land, measuring approximately one thousand four hundred twenty five point twenty eight (1425,28m²) square meters, and the caves measuring approximately twenty point seventy one meter squares (20.71m²) accessible from the main gate in Triq San Ġakbu, which land is bounded on the north by property in the same territory, south by property of the Government of Malta and east by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property K. This land is exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

L) Portion of agriculture land currently being worked by John Gauci known as 'Il-Larinġ il-Ħelu' approximately measures two hundred and fifty six point two nine (256.29m²) square meters, accessibly from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded with all compass point by property described above – indicated as property L and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

M) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Il-Maħsel' also known as 'Il-Mansab' on this said portion of land, approximately measures five

porzjoni ta' art, ta' kejl ta' ċirka ħames mija disgħa u għoxrin punt erbgħa disgħa (529.49m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu. Din il-porzjoni ta' art tmiss mil-Lbiċ u mil-Lvant ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà M u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

N) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' ta' kejl ta' ċirka tmien mija, disgħa u disgħin punt disgħa (899.9m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-Baruni Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà N u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

O) Kamra li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, b'kejl ta' ċirka tletin metri kwadri (30 m²) aċċessibbli minn mogħdija komuni magħrufa bħala it-Triq tal-Karrettun tal-Komun aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu u li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskritta u mil-Lbiċ mal-mogħdija surreferita – indikata bħala proprjetà O u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

P) Kamra b'porzjoni ta' art adjaċenti magħha li preżentament huma kkonsolidati ma' kmamar G, H, O, U, u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, aċċessibbli minn mogħdija privata, ta' kejl ta' ċirka tnejn u għoxrin (22m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' prorjetà hawn deskrittva u mil-Lbiċ mal-imsemmija mogħdija – indikata bħala proprjetà P, u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

Q) Porzjoni ta' art magħrufa bħala 'Ta' Larinġa' li tikkonsisti f'pixxina mdawra bid-decking li ma nstab l-ebda permess li jkopriha, ġibjetta kif ukoll f'art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci kif ukoll mogħdija komuni, ta' kejl ta' ċirka elf tnejn u sebgħin punt sitta tlieta metri kwadri (1072.63m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mill-Majjistral ma' beni hawn deskritta, mil-Lbiċ f'partijiet ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu u f'partijiet ma' proprjetà hawn deskritta, u mill-Grigal ma' mogħdija – indikata bħala proprjetà Q. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija

hundred twenty nine point four nine (529.49m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu. This portion of land bounded on the south east and west by property herein described and south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property M and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

N) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa t'Isfel' approximately measures eight hundred, ninety nine point nine (899.9m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property of Noble Testaferrata Moroni Viani or his successors in title and south west and north east by property herein described – indicated as property N and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

O) Room currently adjacent with rooms G, H, P, U and Z to form one property, approximately measures thirty square meters (30 m²) accessibly from a common pathway known as Triq tal-Karrettun tal-Komun accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu and bounded from the north and southeast by property herein described – indicated as property O and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

P) Room with adjacent portion of land currently adjoining with rooms G, H, O, U and Z together form one property, accessible from private pathway approximately measures twenty two (22m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north and southeast by property herein described – indicated as property P and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

Q) Portion of land known as 'Ta' Larinġa' consisting in a swimming surrounded by decking without permit, water cestern as well as agricultural land currently being worked by John Gauci as well as common pathway measures approximately one thousand seven two point six three square meters (1072.63m²), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property herein described, southwest by property of Carmelo Scicluna or his successors in title and other compass points by property herein described and northeast by pathway-indicated as property Q. The land together with other land enjoys reservoirs and water springs and it is exempt from

eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

R) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq' li fiha hemm preżenti ġiebja u kamra tal-pompa, ta' kejl ta' ċirka elf mitejn sebgħa u tletin punt tmienja disgħa (1237.89m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mit-Tramuntana' ma' Triq San Ġakbu, mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' proprjetà oħra hawn deskritta – indikata bħala proprjetà R. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, hija suġġetta għad-dritt ta' passaġġ a favur ta' terzi persuni u tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

S) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Tal-Mansab', ta' kejl ta' ċirka mija sitta u ħamsin punt ħamsa erbgħa (156.54m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà S. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju u tinsab f'Outside Development Zone;

T) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa l-Ħażina' magħrufa wkoll bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' ta' kejl ta' ċirka tmien mija u disgħin punt ħamsa tlieta metri kwadri (890.53m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta, mill-Majjistral ma' beni ta' Baruni Testaferrata jew is-suċċessuri tiegħu u mil-Lbiċ ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà T. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

U) Kamra rurali aċċessibbli minn mogħdija komuni li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, O, P, u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, ta' kejl ta' ċirka ħmistax punt ħamsa (15.5m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu u li tmiss mil-Lbiċ mas-surreferita mogħdija komuni, mill-Majjistral u mix-Xlokk ta' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà U, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u li tinsab f'Outside Development Zone;

V) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, b'kejl ta' ċirka mitejn tlieta u

any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone;

R) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq' together water cestern and room pump measures approximately of one thousand two hundred and thirty seven point eight nine (1237.89m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by the said Triq San Ġakbu, northwest by property herein described and south by another property herein described – indicated as property R. The land together with other lands is subject for the right of passage in favour of third parties and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

S) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Mansab' measures approximately of one hundred and fifty five pont five four (156.54m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east and northwest by property herein described and south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property S. The land together with other lands and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

T) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa l-Ħazina' known as well 'Ir-Roqa t'Isfel' measures approximately of eight hundred and ninety point five three (890.53m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east by property herein described and northwest by property of Baron Testaferrata or his successors in title and southwest by property herein described – indicated as property T. The land together with other lands and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

U) Rural room that is accessible from a common pathway presently adjoined by rooms G, H, O, P and Z together forming one property measuring approximately fifteen point five squares meters (15.5m²) accessible from a main gate in Triq San Ġakbu and bounded on the southwest by common pathway, northwest and southeast by property herein described – indicated as U , and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

V) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci measures approximately of two hundred

tletin punt tnejn sitta (233.26m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' trejqa u mil-Lbiċ ma' beni tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna – indikata bħala proprjetà V, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

and thirty three point six two (233.26m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east and southeast by a lane and southwest by property of the heirs of Carmelo Scicluna – indicated as property V and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

W) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħal 'Tal-Mansab', b'kejl ta' erba' mija tnejn u sebgħin punt sitta sitta metri kwadri (472.66m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Punent Majjistru, mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà W, l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

W) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Mansab' measures approximately of four hundred and seventy two point six six (472.66m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on west northwest, east and southwest by property herein described – indicated as property W, the land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

X) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Tal-Lariġ', b'kejl ta' ċirka mitejn u sebgħin punt tlieta sitta metri kwadri (270.36m²) aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mill-Punent ma' beni tas-suċċessuri ta' Carmelo Scicluna, mill-Grieg il-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala propjrjetà X. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

X) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Lariġ' measures approximately of two hundred and seventy point three six (270.36m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on west by property of the heirs of Carmelo Scicluna, east northeast and west by property herein described – indicated as property X. The land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

Y) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel', b'kejl ta' ċirka tmien mija tlieta u ħamsin punt wieħed tlieta metri kwadri (853.13m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u tagħti għal trejqa li twassal għal passaġġ fuq in-naħa tal-lemin li mbagħad jwassal għal proprjeta Ċ. Wieħed għandu jgħaddi minn proprjetà Ċ kif ukoll, aktar 'il quddiem, minn proprjetajiet M, I, E, T u N sabiex jasal għall-art imsemmija. Din l-art tmiss mill-Grigal ma' proprjetà li tinsab fl-istess territorju, mill-Majjistral ma' beni tal-Baruni Testaferrata Moroni Viani jew is-suċċessuri tiegħu u mil-Lbiċ ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà Y. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

Y) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa t'Isfel' measures approximately of eight hundred and fifty three point thirteen (853.13m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, and leads to a lane through a passage on the righthand side leading to property C. One should walk from property C as well further up from properties M, I, E,T and N to reach the said land. This land bounded on the northeast by property located in the same territory, northwest by Baron Testaferrata Moroni Viani or his successors in title and west by Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property Y. The land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

Z) Kamra li hi aċċessibbli minn mogħdija komuni li tikkonsisti f'kamra li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, O, P, u U sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, b'kejl ta' ċirka erbgħin (40m²) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu u li tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskritta – indikata

Z) Room that is accessible form a common pathway consisting in a room presently adjoined by rooms G, H, O, P and U together forming one property measuring approximately forty squares meters (40m²) accessible from a main gate in Triq San Ġakbu bounded on the north by the heirs of Carmleo Scicluna, southwest and southeast by property herein described – indicated as Ż and it is exempt for

bħala Ż u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

Il-proprjetajiet kollha hawn fuq indikati minn A sa Z stmati li jiswew tlettax-il miljun ewro (€13,000,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Jean Pierre sive Jean (KI 473467M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 15 ta' Ottubru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

All the above properties indicated from A to Z valued at thirteen million euro (€13,000,000).

The said tenement is the property of Borg Jean Pierre sive Jean (ID 473467M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2018.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 15th October, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2735

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-15 ta' Ottubru, 2026 (Rikors numru 109/2026) ta' Maria Dolores sive Maria Muscat et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Peter Paul sive Peter sive Pietru Muscat, ir-raġel ta' Maria Muscat née Muscat, bin il-mejtin Joseph Muscat u Margaret Muscat née Falzon, imwieled Tas-Sliema, Malta, fis-17 ta' Lulju, 1959, u miet in-Nadur, Għawdex, fis-26 ta' Mejju, 2026 (KI 620059M), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' martu Maria Dolores sive Maria Muscat (KI 12762G) fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u favur l-uniku wild Joel Peter Muscat (KI 3098G) fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Ottubru, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 15th of October, 2026 (Application number 109/2026) by Maria Dolores sive Maria Muscat et, the opening of the succession was requested of Peter Paul sive Peter sive Pietru Muscat, husband of Maria Muscat née Muscat, son of the late Joseph Muscat and Margaret Muscat née Falzon, born in Sliema, Malta on the 17th July, 1959, and died in Nadur, Gozo on the 26th May, 2026 (ID number 620059M), which opening of succession is to be made in favour of his wife Maria Dolores sive Maria Muscat (ID 12762G) in the quota of half (1/2) undivided share and in favour of the only child Joel Peter Muscat (ID 3098G) in the quota of half (1/2) undivided share, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 15th of October, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)